**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Avviz numru 326/2017 CFF**

**Mario Falzon**
**Vs**
**Desiree Caruana**
**Alessia Caruana**
**Mirko Caruana**

**Illum it-3 ta' Frar 2023**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors Promutur ta' **Mario Falzon** (KI 61951M) fejn espona:

Illi l-konvenuti Desiree Caruana (KI 24468M), Alessia Caruana (KI 460793M), Mirko Caruana (KI 503695M) sabiex ihallsu s-somma ta' erbataxrifuzjoni ta' sehemhom tal-hlas ta' taxxa fuq income dovuta lil Kummissraju tat-Taxxi Interni mis-socjeta' T&M Holdings Ltd (C-11230) li gew mhallsa minn wiehed mill-azzjonisti ossia l-mittenti ghal beneficcju tal-mejjet azzjonista l-iehor Tonio Caruana li miet fil-31 ta' Marzu 2017 skont dokument hawn anness u mmarkat bhala 'Dokument A'.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-31 t'Awwissu 2017 u bl-ingunzjoni tal-intimati ghas-subizzjoni.

Il-Qorti tinnota li dahlet risposta tal-konvenuti datata t-2 ta' Frar 2018 li tinsab a fol 14 tal-process, fejn esponew:

1. Illi l-konvenuta imsemmija fl-Avviz Desiree Caruana fil-fatt jisimha Desiree Darmanin.
2. Illi l-azzjoni hija improponibbli ai termini ta' artikolu 67 ta' Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid illi r-responsabilita' tal-azzjonisti ta' socjeta' limitata hija limitata

ghall-ammont jew ikun hemm li ma jkunx thallas mill-azzjonisti rispettivament mizmuma minnhom;

3. Preliminarjament ukoll id-difett fondamentali fl-impostazzjoni tat-talba tar-rikorrent billi l-kreditu pretiz mir-rikorrent, jewkk pruvat seta' jintalab lis-socjeta' li kellha l-obbligu ta' hlas u mhux kontra xi azzjonisti tal-istess socjeta' u wisq anqas kontra persuni li qatt ma kienu azzjonisti tas-socjeta T&M Holdings Limited (C-11230);
4. L-improponibbilita' tal-azzjoni peress illi l-kawza kif proposta mir-rikorrent mhix skont il-procedura appozita, kontemplata fl-Artikolu 300A (2) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk l-esponenti ghandhom jigu liberati mid-domandi;
5. Illi fi kwalunkwe kaz, ir-rikorrent naqas milli jaghmel talba lill-likwidatur fit-terminu stabbilit fl-artikolu 275 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta.
6. Illi l-esponent Desiree Darmanin, mhiex il-legittimu kontradittur ghat-talbiet attrici u lanqas ghanda interess, fost l-ohrajn, ghaliex la hija jew kienet direttur u lanqas azzjonista tas-socjta T&M Holdings Ltd (C-11230), liema propjeta' kienet propjeta' parafernali tad-defunt Tonio Caruana, kif jidher mill-certfikat ta' zwieg Dok DD1 u certifikat ta' inkorporazzjoni ta' T&M Holding Ltd (C-11230) u certifikat ta' konformita ma' Kap 386 Dok DD2 u DD3.
7. Illi ulerjorment l-esponent Desiree Darmanin kienet legalment separata kif jidher mill-kuntratt ta' separazzjoni Dok DD4 fejn irrinunzjat ghad-dritt li tiret lil Tonio Caruana u trasferiet kwalunwke dejn relatat mas-socjeta' T&M Holding Limited lill-istess Tonio Caruana li accetta.

Fil-Mertu

8. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost t-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrent
9. Illi mhemm l-ebda obbligu kontrattwali bejn il-partijiet
10. Illi t-talbiet huma infondati fil-konfront ta' Alessia Caruana u Mirco Caruana ghaliex l-ishma tas-socjeta' suriferita ma ddevolvewx u qatt mhu ser jiddevolvu favur taghhom peress illi s-socjeta T&M Holding Ltd giet struck off fil-25.5.2015 jigifieri qabel il-mewt ta' Tonio Caruana.
11. Illi sad-data ta' din ir-risposta l-attur ghadu ma ressaqx prova illi hu hallas tassew s-somma mitluba;
12. Inoltre kien biss permess tal-ittra legali datat 31 Lulju 2017 illi l-intimati gew ghall-ewwel darba infurmati illi l-ammont set kien dovut.
13. Konvejentement l-attur stenna l-mewt ta' Tonio Caruana biex iressaq din it-talba. Illum Tonio Caruana ma jistax jiddefendi ruhu.
14. Illi fit-2012 Tonio Caruana gie iddijanjostikat bil-marda terminali Motor Neuron Disease. L-attur kien konsapevoli ta' dan u li kien ser immut izda qatt ma interpella lil Tonio Caruana waqt li kien haj.
15.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti tal-kawża u d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidrat**

Illi f'dan il-kaz l-avukat tal-konvenuti talab lil din il-Qorti sabiex iressaq ecezzjoni ulterjuri fejn qajjem il-kwistjoni tal-preskrizzjoni f'dawn il-proceduri u dan skont ma hemm fl-artikolu 2156 (f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi fuq din il-kwistjoni din il-Qorti sejra taghmel referenza ghal dak li jghid l-istess artikolu 2156, il-Qorti taghmel referenza ghal dak li hemm fis-sub-artikolu 2156 (f) fejn jghid:

> **2156***(f) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku;*

Huwa wkoll fatt li meta l-Qorti tiddetermina li l-preskrizzjoni partikolari eccepita ma tkunx applikabbli ghal kaz in ezami, mhux il-kompitu taghha li toqghod tindaga u tara hija stess liema hija l-preskrizzjoni li taqa' fiha din l-azzjoni. Il-Qorti hija marbuta taht dak li jghid l-artikolu 2111 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn Il-qorti ma tistax *ex officio* tagħti effett għall-preskrizzjoni, jekk din ma tigix eccepita mill-parti interessata. Illi pero fi kwalunkwe kaz il-preskrizzjoni msemmija taht l-artikolu 2156 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta hija dik ta' hames snin. Sejra ssir referenza ghal kawza fl-ismijiet **Fenech Plant Hire Limited vs P. Montebello**, deciza fit-13 ta' Marzu 2009 intqal hekk mill-Qorti tal-Appell:-

> "*Hu ben saldat fid-dottrina legali u fil-gurisprudenza illi meta tigi opposta l-preskrizzjoni l-konvenut ma ghandu ghalfejn jipprova xejn izjed hlief id-dekorriment taz-zmien. Jaggrava fuq l-attur illi jiddemostra illi dik il-preskrizzjoni ma kienetx ammissibbli ghall-fattispeci tal-kawza, jew, alternattivament, jekk applikabbli, li dik l-istess preskrizzjoni giet sospiza jew interrotta. Jinzel minn dan illi l-perkors li suppost kellha ssegwi l-ewwel Qorti kellu jkun dan:-*
>
> *(1) Ir-ricerka u l-verifika jekk il-preskrizzjonijiet eccepiti, jew xi wahda minnhom, kienux jew le opponibbli ghat-talba;*
>
> *(2) F'kaz ta' applikabilita` ta' xi wahda minnhom, jekk il-perijodu preskrittiv giex interrott ghal motiv dedott mis-socjeta` attrici;*
>
> *(3) Stabbilita din l-interruzzjoni, id-determinazzjoni tal-mument storiku li fih avverat.*"

Madanakollu, il-Qorti trid tara jekk hiex tal-fehma illi f'dan il-kaz jghoddu d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 2156(f) fejn jikkontempla l-preskrizzjoni ta' hames snin. Illi ghalhekk din il-Qorti trid tara jekk fil-fatt dak li huwa mitlub mill-attur Mario Falzon u issa kif gew trasfuzi l-atti f'isem Thomas Lofaro u Helena Pamela Rossignuad huwiex kreditu li huwa msemmi f'dak li hemm fl-artikolu 2156 (f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi b'referenza ghal dak li hemm fl-artikolu 2156 (f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta fil-kawza fl-ismijiet **Giovanni Saliba et vs Angelo Grech** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-7

ta' Frar 1949, li fejn fl-artikolu 2156(f) jinghad "ghall-hlas ta' kull kreditu iehor……" dik il-kelma "iehor" turi bic-car illi l-legislatur qieghed jikkommetti din id-dispozizzjoni mas-sezzjonijiet precedenti, fejn huma ndikati krediti specifici.

Huwa ghalhekk principju stabbilit fil-gurisprudenza li l-preskrizzjoni taht l-artikolu 2156(f) hija soggetta ghal interpretazzjoni ***eiusdem generis***. Ghaldaqstant, il-kelma "kreditu" minhabba fir-restrizzjoni tar-regola ta' interpretazzjoni ta' ***eiusdem generis***, tigbor fiha biss jeddijiet li huma ta' l-istess natura bhal jeddijiet l-ohra msemmija fl-artikolu 2156. F'dan il-kuntest, ta' min ighid li l-ebda wiehed mill-krediti msemmija fl-artikolu 2156 ma huwa kreditu ta' obbligazione di fare, imma huma kollha obbligazzjonijiet ghall-hlas ta' flus. Dan igib mieghu l-effett li l-obligazzjoni li kontra taghha titressaq eccezzjoni bhal din trid tkun wahda ghall-hlas ta' flus bhal ma' hu f'dan il-kaz partikolari fejn qieghed jintalab il-hlas ta' flus dovuti lura.

Fil-fatt, fil-kawza **Giovanni Mifsud vs Giuseppe Pullicino** deciza mill-Prim' Awla Qorti Civili fid-19 ta' Ottubru 1954, inghad li:

> *"….jidher illi l-krediti msemmija fid-dispozizzjoni tal-ligi 'l fuq indikata jirrigwardaw bhala regola dawk li jkollhom bhala oggett flus; jigifieri dawk tal-prestazzjonijiet accessorji, jirrigwardaw dejjem oggett li jkun flus, u dawk tal-prestazzjonijiet principali jirrigwardaw oggett li jkun jew flus jew haga fungibbli bhal ma huma l-flus."*
>
> *"Kull kreditu iehor, hemm imsemmi ma ghandux jiftiehem illi jista' jkun kwalunkwe kreditu jkun li jkun, imma dak biss li mhux imsemmi espressament fl-istess dispozizzjoni u li jkollu l-istess natura bhal flus…."*

Dan ifisser li din il-preskrizzjoni tapplika ghal zewg ordni ta' krediti: jigifieri l-prestazzjonijiet accessorji jkunu liema jkunu, u whud mill-prestazzjonijiet ewlenin jew principali. Tal-ewwel jirrigwardaw dejjem oggett li jkun flus, filwaqt li tat-tieni jirrigwardaw flus jew haga fungibbli bhalma huma l-flus. (Ara wkoll **Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Ltd.** PA 12-Ott-2004).

Il-Qorti tara li l-Artikolu 2156(f) japplika fir-rigward ta' hlas lura tal-flus jaqa' taht dan is-sub-artikolu u cioe' taht it-2156 (f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi l-elementi kollha mehtiega biex titqies eccezzjoni bhal din jikkonkorru. Il-kreditu huwa wiehed li johrog minn talba għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn ħwejjeġ oħra.

Fil-kaz in ezami, il-hlas li qed jintalab huwa hlas ta' flus u ta' natura fungibbli. U ghaldaqstant, jaqa' taht il-preskrizzjoni citata hawn fuqu cioe' dik ta' hames snin. Illi skont ix-xhieda mressqa u cioe' dik tal-Avukat Debono u Mario Magro Conti qalu li l-attur kien hallas it-taxxi dovuti lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Illi minhabba li l-konvenuti huma azzjonisti tal-kumpanija allura huma ghandhom ihallsu l-ammont mitlub fil-kawza li huwa n-nofs tat-taxxa li ġiet imhallsa. Illi ghandu jinghad li l-attur Mario Falzon ma xehedx f'dawn il-proceduri u dan minhabba l-fatt li kien miet. Illi l-unika xhud li qal li jaf fuq il-fatti kien l-avukat ta' fiduċja tieghu li ghenu jiftah dawn il-proceduri. Illi madankollu gew esebieti wkoll dokumenti mid-dipartiment tat-Taxxi Nterni dwar hlasijiet li kienu saru. Illi jidher li s-socjeta T and M Ltd halset dak kollu li kien dovut fejn f'perijodu kien hemm dovut is-somma ta' €16,306 fis-sena 1999. Illi jidher li dan l-ammont beda

jitnaqqas matul iz-zmien sakemm fis-sena 2014 nizel f'ammont ta' €24 u thallas ghal kollox.

Illi jidher mill-atti li sakemm infethu dawn il-proceduri qatt ma saru xi atti gudizzjarji fil-konfront tal-konvenuti sabiex tigi mwaqqfa l-preskrizzjoni. Illi pero' il-preskrizzjoni tista' wkoll tigi mwaqqfa anki f'kaz ta' xi azzjoni fejn jintwera li l-imharrek gharaf id-dejn, irrinunzja għall-preskrizzjoni jew wettaq xi hlas li bih kiser iz-zmien preskrittiv. Illi ghalhekk sabiex tigi mistharga din il-kwistjoni din il-Qorti trid tidhol fil-mertu mhux biss tal-preskrizzjoni izda dak kollu li twettaq qabel ma nfethet il-kawza. Illi ghal dan il-ghan, il-Qorti taghmel referenza ghal kawza mill-Qorti tal-Appell **Calleja vs Abela** deciza fis-26 ta' Marzu 1920 fejn qalet hekk:

> *"La prescrizione e' interrotta quando il debitore riconosca il diritto di colui contro il quale era cominciata e se la prescrizione era compiuta, la ricognizione del debito fatto dal debitore assume il carattere di una rinunzia a tale prescrizione"*

Illi kif inghad hawn fuq, l-attur qieghed jippretendi hlas lura ta' flus li skont ma qal l-avukat tieghu stante li l-attur kien miet fil-mori ta' dawn il-proceduri, minhabba li kien hu li hallas it-taxxa dovuta. Illi pero' din il-Qorti trid tistharreg jekk il-hames snin lahqux ghaddew. Illi kif inghad hawn fuq l-ammont sostanzjali kien thallas u mid-dokumenti esebieti juri bic-car li matul iz-zmien (ara dok MC1) gew akkumulati diversi pendenzi ghal hlas tat-taxxa. Illi pero' mid-dokument li gie esebieti minn Joseph Debono wera bic-car (ara dok JD1) li l-ammont kien thallas kollox sas-sena 2014 u l-istess socjeta giet likwidata fis-sena 2013.

Illi min-naha tal-konvenuti qeghdin jghidu li tali ammont l-azzjoni sabiex jingabar lura mill-attur issa huwa ormai preskritt minhabba li ghaddew hames snin. Illi min-naha l-ohra fit-trattazzjoni li saret ghan-nom tal-attur l-ammont ghadu dovut minhabba li z-zmien beda ghaddej meta s-socjeta giet likwidata fis-sena 2013. Illi qabel ma' din il-Qorti tghaddi ghal dan il-punt li tqajjem, irid jinghad li l-konvenuti kollha ghamlu dikjarazzjoni dwar dan id-dejn. Illi Desiree Caruana iddikjarat li mhux debitrici tal-attur, filwaqt li Alessia Caruana qalet li ma kenitx taf li l-ammont kienux dovuti u qatt ma kienet f'qaghda li tkun taf u l-istess qal Mirco Caruana. Illi minn dak li qalu l-konvenuti hadd minnhom ma' qal li dan l-ammont huwa dovut jew inkella li lest jaghmlu tajjeb.

Illi ghalhekk jibqa' l-fatt li minn dak li qal Mario Magro Conti, li l-flus tat-taxxa dovuta kienu qeghdin jithallsu minn current account tal-istess Mario Falzon li kien sole director u azzjonist tal-kumpanija li llum giet likwidata. Illi dawn il-flus kienu johorgu mill-flus personali ta' Mario Falzon. Illi skont ma' qallu Mario Falzon l-ispejjez kien johroghom l-attur waqt li l-flus tal-kumpanija kienu inqasmu nofs bin-nofs. Tonio Caruana kien shareholder f'din l-istess kumpanija. Illi ghalhekk hareg minn din ix-xhieda li l-ammont tat-taxxa kien thallas minn Mario Falzon u mhux mill-kumpanija. Illi ghalhekk dan l-ammont li qieghed jigi mitlub huwa hlas li sar mill-but tal-attur u mhux minn dak tal-kumpanija li giet xolta fis-sena 2013.

Il-Qorti taghmel referenza ghal dak li hemm fl-artikolu 2137 tal-Kap 16 li jghid li 'bla hsara ta' disposizzjonijiet ohra tal-Ligi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak inhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata minghajr ma jittiehed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss u dan b'applikazzjoni tal-principju li z-zmien

preskrittiv jghaddu biss minn dakinahr li jkun tnissel id-dritt jew setghet tinbeda l-azzjoni. Dan il-principju huwa mibni fuq il-massima li *action non natae non praescribititur* (**John Grech vs Ivan Mifsud et** Prim Awla deciza fl-1 t'April 2003). Illi jidher bic-car li l-ammont ghalkemm thallas kollu ghal dak li kien dovut mis-socjeta dan ghamel tajjeb ghalih l-istess attur li hallas minn butu u mhux mill-kontijiet tal-istess socjeta'. Huwa minnhu li s-socjeta giet xolta u ghalhekk l-istess attur kien kreditur tal-istess socjeta u ghalhekk kellu kull ragun li jithallas minnha. Illi pero' l-azzjoni infethet kontra l-familjari ta' Tonio Caruana bhala eredi tieghu minhabba li huwa kien miet. Illi ghalhekk din l-azzjoni mhux wahda ta' azzjonist kontra azzjonist iehor. Illi mill-provi mressqa ma jidhirx li kien hemm trasferiment tal-ishma tal-istess socjeta' fuq ulied Tonio Caruana ghalkemm huma eredi tieghu. Illi kif inghad stess mill-attur, Tonio Caruana miet fis-sena 2017 u cioe' wara li l-istess socjeta' giet xolta. Illi ghalhekk din l-azzjoni hija dwar gbir ta' hlas dovut li hallas l-istess attur ghan-nom tas-socjeta' T&M Holdings Ltd. Illi ghalkemm dawn il-hlasijiet saru ghan-nom tal-kumpanija jibqa' l-fatt li l-ammont thallas dejjem minn but l-attur u mhux mill-kontijiet tal-istess socjeta'. Illi ghalhekk din il-Qorti ma taqbilx li l-ammont li kellu jingabar kellu jsir biss wara li l-istess socjeta giet xolta. Illi lanqas ma rriżulta li l-attur kien hallas l-ammont f'daqqa ghax mid-dokumenti jidher b'mod car li kienu saru diversi pagamenti matul iz-zmien u mhux f'gurnata wahda partikolari.

Illi ghalhekk jibqa' jekk l-azzjoni odjerna hiex preskritta jew le wara l-gheluq ta' hames snin. Illi din il-kawza giet registrata fl-1 ta' Novembru 2017 u ghalhekk il-preskrizzjoni giet interrotta tant li l-istess konvenuti dahlu risposta wkoll. Illi minn dak li jidher qatt ma kien hemm xi att gudizzjarju qabel din id-data sabiex jigi mhallas l-ammont dovut. Illi ghalkemm il-hlas huwa pagamenti li saru ghad-dipartiment tat-Taxxi Nterni, f'dan il-kaz l-ammont mhux taxxa izda l-hlas li sar ghaliha. Illi din il-Qorti tara li l-preskrizzjoni ghal dak li jirrigwarda l-artikoli 2156(f) japplika f'dan il-kaz. Illi ghalhekk kwalunkwe azzjoni jigi estint wara t-trapass tal-perijodu ta' hames snin. Illi ghalhekk f'dan il-kaz, it-terminu li japplika huwa ghal dak li huwa mitlub minn hames snin qabel l-1 ta' Novembru 2017 meta giet intavolata din il-kawza. Illi ghalhekk l-unika dokument li jaghti hjiel tal-ammonti li bdew jithallsu kien dak esebit a fol 71 (dok JD1) tal-process. Illi wara l-esposizzjoni legali ghamlet il-Qorti tara li l-ammont li jista' jithallas jmur biss ghal hames snin qabel din il-kawza.

**Decide:**

**Ghal dawn il-motivi, taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta mressqa mill-konvenuti biss ghal dak li jirrigwarda l-hlasijiet dovuti qabel id-data ta' l-1 ta' Novembru tas-sena 2012.**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Maria Grech-Cardona**
**Deputat Registratur**